MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 614/2003

**Avviz numru 614/2003DM**

**Citadel Insurance p.l.c. (registration No C66563 (M) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Godwin Buhagiar, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Godwin Buhagiar**

**Vs**

Christian Pirotta

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex dan ihallas is-somma komplessiva ta' elfejn hames mija u wiehed u hamsin lira (Lm2,551), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, in kwantu ghas-somma ta' Lm2,526.00 bhal risarciment tal-ammont

li sborzat is-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. biex indennizzat lill-assikurat taghha, kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident awtomobilistiku li sehh fil- 15 ta'Gunju, 2003 gewwa Triq il-Missjunarji Mostin, Mosta, bejn vettura bin-Numru ta' registrazzjoni GOD 026 misjuqa minn Godwin Buhagiar, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBE 953 misjuqa mill-konvenut u ghal liema incident jahti unikament l-istess konvenut minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u in kwantu s-somma ta' Lm25 rapprezentanti excess imhallas minn Godwin Buhagiar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru, 2003 ipprezentata kontra l-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal- konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenut fir-registru fil-15 ta' Jannar 2004.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u qedgha tikkundanna lill- konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn hames mija u wiehed u hamsin lira (Lm2,551), prevja li tiddikjara illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u dan kollu minhabba ragunijiet indikati fl-avviz mill-istess atturi.

Tordna wkoll lill-konvenut ihallas l-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Dicembru 2003; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------